# Il-Ħadd 20.12.2020

1. Illum 20/12, **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-tberik tal-Bambini u l-Presepji.

2. Il-Ħamis 24/12, **Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tinfetaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm ikollna l-quddiesa tal-Vġili;
   - Wara l-quddiesa l-knisja ser tibqa' miftuħa sat-8:00pm għal min irid jiġi jinviżta;
   - Fil-11:10pm tinfetaħ il-knisja;
   - F'11:40pm jitqiegħed il-Bambin fuq l-Altar Maġġur, issir il-priedka tal-Milied; u
   - F'12:00am tibda l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied.
   - ***N.B. Min bi ħsiebu jiġi għal din il-quddiesa mitlub isib postu bilqegħda sal-11:30pm, iżda jara wkoll li jidħol jinkiteb fis-sagristija sa' nhar l-Erbgħa 23/12, minħabba li ser ikollna numru limitat ta' postijiet. Hekk inkunu nistgħu norganizzaw ruħna aħjar fir-rispett tad-distanzi soċjali u l-miżuri ta' prekawzjoni li għandna fis-seħħ bħalissa.***

3. Il-Ġimgħa 25/12, **Jum il-Milied**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.

4. Ħadd 27/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
   - Fl-10:30am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.

5. Il-Ħamis 31/12 :
   - Mill-5:00pm 'il quddiem - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa animata mill-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, u tintemm bil-Barka Sagramentali. Il-Ġabra tmur għad-Dar tal-Providenza.

6. Il-Ġimgħa 1/01/21, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**.
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.

7. Avviżi oħra:
   - Mod konkret ta' kif nagħtu rigal li tassew jiswa ħafna hu billi nagħtu d-demm. Għal min jixtieq jagħti dan ir-rigal, illum 20/12, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm l-*Mobile Blood Donation Unit* quddiem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.
   - B'rabta ma' dan iż-żmien tal-Milied, matul dawn il-ħmistax li ġejjin, irċevejna direttiva li tawtorizza t-Tqarbin tal-Morda bi prudenza u rispett sħiħ lejn ir-restrizzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Għaldaqstant il-Kappillan u Fr Tony ser ikunu qed jikkuntattjaw lil dawk li s-soltu jirċievu t-Tqarbin id-Dar biex jaraw jixtiequx li dan iseħħ, u jiġi miftiehem appuntament u d-dettalji biex dan ikun jista' jseħħ.
   - Fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti u l-prekawzjonijiet, tajjeb li min ilu ma jersaq għall-quddiesa hawn fil-knisja u jinsab f'saħħtu, jagħżel xi jum minn żmien il-Milied (mhux bilfors il-Ħadd) u jagħmel kuraġġ u jattendi l-quddiesa ta' filgħodu jew ta' filgħaxija. Inħeġġu lil xulxin biex almenu darba bejn il-Milied u l-Epifanija nkunu ħadna sehem b'mod fiżiku fil-quddiesa.
   - Bejn it-Tnejn 11/01 u l-Ġimgħa 15/01/2021 ser jiġi organizzat kors b'mod *online* bħala preparazzjoni għaż-żwieġ ta' persuni Maltin ma' persuni ta' nazzjonalità barranija. Min hu interessat għandu japplika sa' nhar il-Ġimgħa 8/01/21 billi jibgħat email fuq: *alfred.vella@maltadiocese.org*.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 95 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 162 mill-bejgħ ta' ponsjetti;
   - € 100 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

9. Nitolbu għal Joseph Martinelli u Paul Zammit, li għaddew għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...